*Diskors mill-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta fl-okkażjoni tal-ftuħ ta' Valletta 2018*

**Dan huwa mument storiku kbir, li jagħti sens ta' kburija lili u l-Maltin kollha, hekk kif il-Belt Valletta, tibda din is-sena ta' Festa, bħala il-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2018.**

**Matul dan il-perjodu ta' żmien bi tħejjija għal din is-sena storika, sar ħafna xogħol minn tim iddedikat ta' professjonisti u voluntiera, immexxija mis-Sur Jason Micallef, Ċermen tal-Fondazzjoni Valletta 2018, li qed jorganizzaw u qed jiffaċilitaw sena sħiħa ta' proġetti u inizjattivi kulturali. Irrid, f'ismi u f'isem il-Maltin kollha, nagħtihom ħajr minn qalbi.**

**Minkejja li l-Belt Valletta hija l-iżgħar belt kapitali, f'kuntest ta' daqs, fl-Unjoni Ewropea, irnexxielna negħlbu l-isfidi biex, inwettqu biċċa xogħol ġganteska…..biex nikkordinaw programm ta' daqs impressjonanti.**

**Jien konvinta li l-poplu Malti jħossu kburi, li rnexxielna noħolqu serje ta' inizjattivi kulturali, tal-aqwa kwalita', li ser jagħtu viżibilita' mhux biss lill-kultura unika tal-gżejjer tagħna, iżda wkoll, ser jagħtuna l-opportunita' li napprezzaw talenti u kulturi diversi ta' popli oħra fostna.**

**Il-pożizzjoni ġeo-strateġika ta' Malta, f'salib it-toroq tal-Mediterran, għamlitna pont naturali bejn il-kontinenti u l-kulturi diversi.**

**L-istorja unika tagħna, għaġnitna f'poplu, fejn il-kultura tagħna, intgħaġnet mill-aħjar elementi tal-valuri Ewropej u Semitiċi. Il-kultura unika tagħna, tirrappreżenta l-elementi diversi fi spirtu armonjuż ta' paċi. Minn żmien missirijietna u ommijietna, aħna l-Maltin dejjem ħassejna l-bżonn li naqsmu dan l-ispirtu ta' paċi mal-ħbieb u l-ġirien tagħna.**

**Hija għal din ir-raġuni li din is-sena kulturali hija daqstant importanti.**

**Din is-sena kulturali għandha tfakkarna li l-importanza tal-kultura tagħtina l-opportunita' li nagħmlu konnessjonijiet ġodda, u nsaħħu l-ħbiberiji, fejn ma jeżistux fruntieri, anzi jinħolqu pontijiet li jġibu flimkien, id-diversita', biex jkollna esperjenza li tkabbarna lkoll.**

**Irrid ninnota wkoll, b'sodisfazzjon, li din is-sena kulturali, ser tagħti lil pajjiżna, opportunita' biex ikun destinazzjoni kulturali sostenibbli.**

**Meta nirrikonoxxu, nirrispettaw u nivvalutaw il-kulturi diversi tagħna, aħna nkunu qed nagħmlu investiment effettiv, fi strateġiji essenzjali għall-inklużjoni soċjali, is-solidarjeta', u l-paċi, u b'hekk niggarantixxu wkoll, ekonomiji prosperi, ġusti u ekwi.**

**Fl-aħħarnett, irrid nerġa nawgura lit-tim, li ser jagħmel minn kollox, biex dan iż-żmien tal-Belt Valletta bħala Belt Kapitali tal-Kultura Ewropea, ikun suċċess.**

**Nixtieq nħeġġeġ liċ-ċittadini kollha ta' pajjiżna biex jħossuhom parteċipi u kburin, matul din is-sena speċjali għalina.**

**Irrid nieħu l-opportunita' wkoll biex nistieden lil dawk, f'pajjiżi oħra li qed jippjanaw xi vjaġġ matul l-2018, biex jagħżlu lil Malta, ħalli jiċċelebraw magħna din is-sena ta' festa.**

**Bħala Maltin, għandna l-opportunita' biex nikkonfermaw u nsaħħu l-fama tagħna, bħala poplu li jħobb is-solidarjeta', u l-paċi.**

**Irrid nistqarr, li bħala Maltin, aħna kburin li ser nkunu qed nikkontribwixxu b'mod effettiv għal opportunita' u esperjenza ta' diplomazija kulturali, b'risq il-popli tal-gżejjer tagħna, tal-Unjoni Ewropea, tar-reġjun tal-Mediterran, u tad-dinja kollha.**

**Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.**